# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA’ ĠUDIKATURA KRMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 17 ta’ Awwissu 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**vs.**

**Juan Carlos Giulio Abela**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat: <u>Juan Carlos Giulio Abela</u> ta' 32 sena, mwieled l-Pieta’ nhar il-31 ta’ Jannar, 1991, jirrisjedi ġewwa 35, Nid D’Amour, Triq l-Isqof Antonio Zahra, Zejtun u detentur tal-karta ta' l-identita 0108291M**

**Akkuzat talli:** ***nhar l-10 ta’ Awwissu, 2023 bejn is-07.30hrs u t-07.45hrs, gewwa l-Imgarr u/jew f’dawn il-Gzejjer Maltin;***

*1. Bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil eks siehba tieghu u cioe’ Leeanne Spiteri li tigi omm ibnu ta’ sitt snin, biza’ li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) u*

*gab ruhu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lill-eks siehba tieghu Leeanne Spiteri biza',*
*Art. 251 (3), Art. 251H (a), Art. 222 (1)(a), Art 202 (h)(vi) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

*2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, bl-imgieba tieghu, ikkaguna lil Clint Bonnici, biza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) u gab ruhu b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Clint Bonnici biza',*
*Art. 251 (3) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

*3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghall-eks siehba tieghu u cioe' Leeanne Spiteri sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil Leeanne Spiteri, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali,*
*Art. 339 (d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

*4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghal Clint Bonnici sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil Clint Bonnici, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali,*
*Art. 339 (d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

*5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel inġurji jew theddid lill-eks siehba tieghu u cioe' Leeanne Spiteri mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni,*
*Art. 339 (e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta*

*Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inklużа fil-mori tal-kawża kontra Juan Carlos Giulio Abela a` benefiċċju ta' Leeanne Spiteri u Clint Bonnici u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Leeanne Spiteri u Clint Bonnici kif jew sabiex tinżamm bil-Bon Ordni Pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Juan Carlos Giulio Abela billi tapplika l-Artikoli 382A et seq. tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil Juan Carlos Giulio Abela b'Obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmi Juan Carlos Giulio Abela sabiex ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-fedina penali tal-imputat (Dok SB 6), *current incident report* (Dok SB 2), il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok SB 1) u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu u jerga jikkonsulta ruhu mal-avukat.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu u semghet ukoll lill-prosekuzzjoni tikkonferma li in vista tal-fatt li l-imputat ikkoopera mal-Pulizija u kif ukoll in vista tac-cirkostanzi tal-kaz hija ma kienetx qed tinsisti fuq piena karcerarja effettiva izda wahda fejn it-terminu ta' prigunerija jkun sospiz. Minn naha taghha d-difiza filwaqt li abbraccjat is-sottomissjoni tal-prosekuzzjoni ziedet li l-imputat irregistra ammissjoni bikrija li kwindi ghandha wkoll twassal ghal mitigazzjoni fil-piena.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk gew sodisfacentement ippruvati.

Illi sabiex tigi kkalibrata l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tieghu, l-ammissjoni bikrija tieghu, il-fedina penali tal-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz kif jemergu mill-atti u kif ukoll dak sottomess minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni taghhom.

***DECIDE***

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 251(3), 251H(a), 222(1)(a), 202 (h)(vi), 339(d) u (e), 412Ċ u 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **Juan Carlos Giulio Abela** ħati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah **<u>ghal perijodu ta' sitt (6) xhur</u>**

**priġunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sena (1) millum**. **Inoltre, b'applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qeda tagħti wkoll lill-ħati u tohrog kontra tieghu Ordni ta' Trażżin fir-rigward ta' Leeanne Spiteri u Clint Bonnici liema Ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni moghti kontestwalment u anness ma' din is-sentenza.**

Il-Qorti spjegat lill-hati **Juan Carlos Giulio Abela** fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

Il-Qorti tordna d-divjet tal-publikazzjoni tal-partijiet involuti fil-mezzi kollha tax-xandir fl-interess suprem li tigi protetta l-identita tal-minuri.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni kif kontenuta fiċ-*charge sheet* fejn il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tiċħad tali talba stante li ma ngabet ebda prova in rigward.

**Dr. Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**

**17 ta' Awwissu 2023**